MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 574/2009

**Sirap Limited**

**Vs**

**Glen Carabott**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara lill-konvenut bhala debitur tas-socjeta' attrici, liema debitu huwa l-bilanc dovut ghall-prodotti konsenjati u mhux imhallsa.

Il-konvenut, minkejja diversi interpellazzjonijiet baqa' ma hallasx dak illi huwa dovut minnu u ghalhekk ghadha llum dovuta s-somma ta' erba' mija u dsatax-il Euro u disgha u ghoxrin centezmu (Eur. 419.29) u dan skond "statement" anness, oltre l-imghax ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament.

Talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut u jordna li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u dsatax-il Euro u disgha u ghoxrin centezmu (Eur. 419.29), ghar-ragunijiet fuq dettaljati, flimkien mal-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Talbet ukoll li l-konvenut ihallas l-ispejjes tal-kawza prezenti, kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.

Ra li giet ipprezentata nota ta' cessjoni fis-26 ta' Ottubru, 2009, fir-rigward tas-sorte biss u baqa' kontestazzjoni fuq l-ispejjes biss.

Ra x-xhieda ta' Tonio Paris li kkonferma li l-konvenut kien ghamel il-pagament tas-sorte, mertu ta' dan il-kaz u dan kien fis- 7 ta' Ottubru, 2009>

Ighid li kienu ppruvaw jikkomunikaw mieghu sabiex ihallas l-ispejjes tal-kaz, kif ukoll l-imghaxijiet, li b'kollox kienu jammontaw ghal madwar hames mitt Euro (Eur.500) izda ma rnexxielhomx jikkomunikaw mieghu.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti

Ikkunsidra

Fuq il-kap ta'l-ispejjes, il-konvenut inghata opportunita' sabiex jipproduci x-xhieda tieghu, izda baqa' ma deherx.

It-Tribunal, ra li Tonio Paris, kien ikkonferma li l-konvenut kellu xi hames mitt Euro (Eur.500) biex ihallas u oltre dan kien hemm l-imghaxijiet.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici ghal dak li jirrigwarda l-ispejjes, kif mitluba u l-imghaxijiet mis-27 ta' April 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------